Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 199/2018

Il-Pulizija

Vs

Jehad Almari

Illum 27 ta' Novembru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Jehad Almari detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 207710L, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli fit-23 ta' April, 2012 ghall-habta ta' 2.00p.m. u fil-jiem ta' qabel fil-fond 222, Triq in-Naxxar, Birkirkara, meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorità tieghu nnifsu, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu, jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, indahal fi hwejjeg haddiehor billi fixkel lil Alfred Antignolo mill-pussess ta' hwejgu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-24 ta' April, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18 u 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat Jehad Almari hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu u kkundannatu multa ta' hamsin ewro (€50) u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 377(3) ordnat lill-imputat Jehad Almari jirriprestina l-hajt kif kien meta nbena u dan fi zmien gimaghtejn mil-lum.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Jehad Almari, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Mejju 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza hawn fuq imsemmija fejn sabet htija u l-piena inflitta fuqu dik ta' hamsin ewro (euro 50) u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 177 (3) tordna lill-imputat Jehad Almari jirriprestina l-hajt meta nbena u dan fi zmien gimaghtejn mil-lum u minflok ma ssibx lill-imputat hati tal-akkuzi u tilliberah minnhom.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Jehad Almari huma s-segwenti u cioe`:-

1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti ma ghamel xejn kontra l-ligi. Kellu bieb tal-hadid li jifred iz-zewg proprjetajiet u qatt ma ppretenda li ghandu xi access ghal gewwa l-gnien tal-familja Antignolo u lanqas ma qieghed jippretendi li ghandu xi pussess jew servitu fuq il-post tal-parte civili. L-esponenti lanqas ippretendi li kellu xi dritt jiftah xi toqba. Li kien hemm kien bieb tal-hadid li jinfetah mill-proprjetà tal-esponenti u l-unika dritt li ppretenda li ghandu hu li jiftah dan il-bieb biss u lanqas ippretendi li kellu xi dritt li jidhol fil-proprjetà tal-parte civili. Il-parte civili ghamlet reazzjoni esagerata u bniet hajt minflok il-bieb u sakkret id-dritt tal-ftuh tal-esponenti u ta' dan gew liberati mill-akkuzi taghhom. Jekk wiehed jara r-rapport tal-perit legali, wiehed jara hawn min hu l-kolpevoli u min ha l-ligi b'idejn, minn imkien ma jirrizulta illi l-esponenti ha l-ligi b'idejh jew ippretenda li ghandu xi dritt li l-ewwel Onorabbli Qorti hasbet li ghandu jew li kiser.

2. Illi fit-tieni lok abbazi tal-principji Ne bis in idem l-esponenti instab hati minn din l-Onorabbli Qorti fuq l-istess fatti b'sentenza deciza fl-istess jum u li ggorr l-istess fatti u akkuzi u nghatat l-istess sentenza identika.

Ikkunsidrat,

Rat illi **<u>WPS 61 Maria Cuschieri</u>** xehdet permezz ta' affidavit li jinsab esebit fl-atti a fol. 2 tal-process. Ikkonfermat li nhar it-tlieta ghoxrin (23) ta' April 2012 ghall-habta tat-3.00p.m l-appellant irraporta gewwa l-ghassa tal-Pulizija ta' Bkara li kien ghadu kif kien involut f'argument mal-gar tieghu li joqghod 224, Villa Lourdes, Triq in Naxxar, B'kara. Stqarr li dan il-gar li huwa ragel anzjan, kien qed jibni hajt tal-kantun biex jimbarra bieb fil-gnien tieghu, liema bieb huwa bieb komuni bejn il-garage tal-kwerealnt u l-gnien ta' dan il-gar. Stqarr ukoll li fil-passat x'aktarx li dan il-garage u r-residenza kienu jaghmlu parti minn fond wiehed.

Huwa tkellem mal-appellant dan tah is-segwenti versjoni tal-fatti:-

" *Jiena xi 2.00p.m mort inhabbat il-bieb ta' residenza numru 224, Triq in- Naxxar, B'kara u habbat xi erba' darbiet , wara fethet il-mara u ghetilha biex tghid lir- ragel biex imur mill-bitha ghax ried ikelmu biex il-haddiem li kien qed jibni l-hajt jieqaf milli jkompli jghalaq il-bieb bil-gebel. Jiena ftaht il-bieb ta' bejn il-garage tieghi u l-gnien tal-gar u dan (il-gar) kif rani qabad jghidli 'inti tista tmur pajjizek m'ghandekx x'taghmel hawn' u lil bennej qallu 'dan mhux Malti tista tkompli' u kompla jghid 'Jien issa dalwaqt incmpel lil pulizija u nibghatu sa pajizu'. U jien ghetlu 'mela ha ngible xi hadd Malti jitkellem mieghek' u wara ftit giet il-mara tieghi u waqt li bdiet tklmu dan imbuttaha biex ighalaq il-bieb.*"

Wara jghid li kellem il-mara tal-kwerelant u cioe Angele Xuereb u tat l-imsemmija versjoni "*Jien ghetilhom li l-affarijiet bil-ligi iridiu jsiru u dawn qalulna 'itilqu m'ghandkomx dritt ta' xejn, itlaq mieghu go pajjizu,ghidlu jitlaq pajjizu' imbaghad imbuttani bil-bieb'.*

Ghaldaqstant wara irrikorriet gewwa l-fond 224, Triq in Naxxar B'kara sabiex kelmet lil Afred Antignolo (il-gar tal-kwerelant) fejn meta tkellmet ma dan Antignolo dan ta' is-segwenti versjoni. " *Xi 2.00p.m. kont id-dar u smajt xi hsejjes u x'hin hrigt fil-bitha*

*sibt lid-dealer (b'referenza ghal kwerelant) fil-bieb li hemm jifred bejn il-villa taghna u l-garaxx appogg. Biex fetah dan il-bieb dan qala lukkett (hadida). Jiena bdejt nghidlu biex m aiharisx ghal ghandi u biex jghalaq il-bieb, ghetlu xi tlett darbiet biex jghalaq ghax dak il-bieb hwua tieghi u jsitax jifthu. Jiena ghetlu biex iur lejn pajizu u jhallina bi kwietna."*

Waqt li kienet fuq il-post fil-gnien ta' Antignolo setghet tosserva li kien hemm bieb tal-injam jifred bejn il-gnien u l-garage tal-kwerelanti u li minn naha ta' Antignolo kien qed jittela hajt tal-kantun max-xifer ta' barra tal-fetha ta' dan il-bieb.

Iz zewg partijiet gew imwissija sabiex ma jkelmux lil xulxin, kif ukoll gew infurmati li dan huwa kaz ta' natura civili u ghalhekk gew riferuti sabiex jiehdu parir legali minghand avukat tal-fudicja taghhom. Aktar tard l-appellant ipproduca kwerela sabiex il-pulizija tipprocedi b'akkuzi ta *'pretended rights'* fil-konfront ta' Antignolo.

Wara ghamlet kuntatt ma Alfred Antignolo sabiex jiccekja jekk min naha tieghu kienx ha parir legali fejn dan stqarr li huwa kien kellem il Dr. Michael Sciriha. Meta kelmet lil Dr Scicirha dan infurmaha sabiex tipprocedi fil-konfront tal-kwerelant bl-akkuzi ta *'pretended rights.'*

Rat id-digriet tal-ewwel Qorti tal-5 ta' Frar 2013 fejn nnominat lil Dr. Stefano Filetti sabiex jisma l-provi kollha u jghamel access sabiex jikkonstata l-mertu anke permzz ta' ritratti u kellu jirrelata sad differiment li jmiss.

Rat illi fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2014 kien deher Dr Stefano Filletti u rritorna l-inkartament.

Illi fl-inkartament ta' Dr. Stefano Filletti hemm ix-xhieda mehuda ta' **<u>Alfred Antignolo</u>.** Dan ikkonfema li fil-gnien tieghu kien hemm bieb li jiftah mill-gnien tieghu ghal-garaxx adjacenti ghal-proprjeta tieghu. Qal li dan il-bieb kien jissakkar min naha teighu permezz ta' lukett tal-hadid. Qal li dan il-bieb, li huwa tal-injam u qatt ma fethu. Iddecida li quddiem il-bieb fuq in-naha tieghu jibni hajt tal-briks sabiex ikollu iktar sigurta. Dan il-hajt ma jmissx mal-bieb ta l-injam u l-bieb hallih f'postu. Waqt li kien qed jinbena dan il-hajt tal-briks, l-appellant fetah il-bieb tal-injam, sgassa il-lukkett u beda ikellimhom. Jispjega illi huwa kien diga' lahaq tellgha madwar filata jew tnejn mill-hajt tal briks u ghalhekk l-appellant ma setghax jidhol

fil-gnien. Huwa baqa' itellgha il-hajt pero' jghid li kien hemm erbgha incidenti fejn l-appellant fetah il-bieb fuq in-naha tieghu u imbotta u waqa' l-hajt tal-briks ghal gol gnien tieghu. Huwa ghamel rapport kull darba. Wara li kien lesta l-hajt u kahhlu l-appellant rega' qala briksa wahda biex johloq ventilatur. Huwa esebixxa erbgha ritratti li gew markati bhala dok AA1 sa AA4 li juru s-segwenti. Dok AA1 ritratt tal-lukkett li gie imqaccat, Dok AA2 ritratt mehud bil-mobile tal-briksa li inqalghet biex johloq il-ventilatur, Dok AA3 li juri l-briks ma l-art fejn waqghet u DOk AA4 ritratt tal-faccata tad-dar u tal-garaxx tal-appellant. Jghid li huwa kull darba sewwa l-hajt anke meta ghamel il-ventilatur u kull darba gab il-pulizia. Qabel ma tellgha l-hajt qatt ma kien hemm incidenti izda l-appellant ha l-garaxx ricentement. Jghid li l-bieb kien gholi u shih u mhux maqsum. Ikkonferma ukoll li huwa bena l-hajt xi erbgha pulizieri l-boghod mill-bieb . Jghid li ir-ritratt dok AA2 ittiehdet nhar il-25 ta Gunju 2012 u kkonferma li l-incienti sehhew f'dawk id-dati.

Qal li kemm ilu ighix hemm madwar erbghin sena il-bieb kien dejjem hemm. Ma jafx jekk originarjament il-garaxx kienx parti mid-dar jew jekk keinux ta' l-istess sid. Ikkonferma li waqt li bena l-hajt huwa ma missx il-bieb u hsara ma ghamillux.

**<u>Irene Antignolo</u>** xehdet nhar l-24 ta' Marzu, 2015 quddiem l-Qorti u spjegat li sid il-garage li kien hemm adjacenti ghall-prorpjeta' taghhom inbidel u l-garage hadu wiehed *dealer* ta' nazjonalita Sirjana. Qalet li darba fost l-ohrajn kien raha wiehed mill-girien taghha u qallha li kien ra l-gnien taghhom u staqsitu kif kien rah u dan qallha l-bieb li kien hemm fil-garge kien miftuh u dak il-hin hasbet li kienu qieghdin barra u ghalhekk kellmet lil zewgha. Qalet li dan il-bieb infetah mill-garage mill-appellant u hija kellha *lock* fuq in-naha taghha tal-bieb u din waqghet. Spjegat li dan kien bieb tal-injam u jinfetah ghal gol-garage. Qalet li ilhom jghixu hemm ghal madwar 36 sena u l-lock tal-bieb kien issaddad.

Qalet li meta nfetah il-bieb il-lock waqghet ma l-art fuq in-naha taghha tal-bieb. Qalet li kieku il-lock ma inkisirx, il-bieb ma setghax jinfetah. Qalet li minn gol gnien tad-dar kien hemm dan il-bieb tal-injam bil-l*ock* tal-hadid imsaddad u dan kien jiftah ghall-garage, u dan ghaliex originarjament dan il-garage kien parti mid-dar. Fil-fatt meta kienet hadet id-dar bil-kera, sid id-dar kien offrilha il-kirja tal-garage u hi

qaltlu li ma kellhiex bzonnu ghaliex gja kellha zewg garages ohra. Ghalhekk meta ma krietux kienet poggiet dan il-lock snin ilu u stqarret li qatt ma kellha *trouble*. Izda meta l-appellant fetah il-bieb inkiser il-*lock* u *l-lock* spicca ma l-art.

Spjegat li meta gara hekk qabdet u sabet bennej ghaliex ma hassitx ruhha sigura u dan qallha biex tibni hajt tal-bricks fuq in-naha taghha. Qallha li kien lest li igibheila l-bricks biex tibni dan il-hajt. Hija bniet dan il-hajt fuq il-pedament taghha, lilu ma missitux. Malli l-bennej wasal sar-raba' filata kien mar l-appellant u qallu li ma setghax jghamel hekk ghax ried li jkollu rewwieha ghax ired li jkollu l-arja. Qal li kien ser imur igib il-mara ghax taf titkellem aktar bil-Malti. Bdiet tghidilha hafna affarijiet li ma haditx gost bihom fosthom li ma setghetx itella l-hajt. Cio nonnostante lill-imghallem qaltlu biex ikompli itella l-brickx u dan hekk ghamel.

Wara ftit marret tittawwal dan il-hajt li bniet u rat li kien hemm toqba go fih li sar permezz ta' serrieq u l-geblakienet ma l-art fil-proprjeta taghha. Hija hasset li ma kienitx sigura gewwa darha. Reghet marret titlob lil bennejt Pawlu jmur u jimla it-toqba li ghamel l-appellant fil-hajt Pawlu mela it-toqba pero l-appellant rega fetahha minghajr il-kunsens taghha. Qalet li ma setghetx tkompi sejra hekk thallas lill-bennej is-somma ta €60 euros imbaghad jmur l-appellant u jaqla' kollox

Taf li imbaghad l-appellant mar jirraporta ghaliex insista li kellu dritt li jkollu l-arja gol garage.

Mistoqsija minn ta id-direttivi lil bennej biex jibni l-hajt tghid li kienet hi u mhux zewgha ghaliex dan ihalli kollox f'idejha .

Murija r-ritratt markat bhala dok AA1(fol. 16) tghid li dak juri il-bieb li effettivament kien imwahhal mal-bieb u kien ilu hekk ghal madwar 35 sena Dok AA2 (fol. 17) hija t-toqba fejn l-appellant fetah u qala' l-briksa minghajr il-permess taghha. Dok AA3(fol. 18) juri r-ritratt tal-gnien taghha . Dok AA4 (fol. 19) huwa ritratt ta' bieb li kien tal-injam u li illum sar tal-hgieg.

Spjegat li l-garage in kwistjoni huwa wiehed kbir u joqghodu fih zgur erba' karozzi, tnejn ma genb xulxin izda ma fihx ilma u lanqas servizz ta' l-elettriku.

Qalet li hija mara anzjana ta' 86 zewgha ghandu 90 waqt li it-tifla taghhom ukoll mhiex zghira u ghalhekk xtaqu li jkolhom sigurta' gewwa darhom.

In kontro esami tikkonferma li kienu huma li talbu li jtellghu l-hajt fuq il-proprjeta' taghhom u dan ghamluh minghajr l-awtorita' tal-Qorti. Qalet li anke sid il-kera li huma Mizzi brothers raw dak li ghamlu u ma qalulhom xejn. Qalet li kienu marru jaraw dan il-hajt ukoll nies mill Planning Authority, mill-pulizija, sid il-kera jew ahjar Alex Farrugia l-amminsitratur tal-bini ta' Mizzi Brothers u periti.

Spjegat fic-car illi sabiex l-appellant fetah il-bieb huwa qaccat il-firoll li kien hemm fuq in-naha taghha tal-gnien. Proceduri civili ma ghamlitx. Mistoqsija jekk qatt qalitx lill-appellant li kien hemm *lock* fuq in-naha taghha tal-bieb qalet li dak mhux affari tieghu u qatt ma kient tkellmet mieghu.

Illi fis-seduta tat-2 ta' Gunju, 2016 hija esebiet il-firoll li kien hemm imwahhal fuq in-naha taghha tal-bieb li waqa' ma l-art meta l-appellant sgassa l-bieb li jaghti ghal gnien taghha mill-garage tieghu.

**<u>Anna Antignolo</u>** xehdet quddiem l-ewwel Qorti pero' x-xhieda taghha tat-2 ta' Gunju 2015 ma tinsabx inserita fil-process u ghalhekk din il-Qorti regghet semghet lil din ix-xhud mill-gdid u dan waqt is-seduta tas-16 ta' Ottubru, 2018. Ikkonfermat li kien ilha tghix f'dan il-fond flimkien mal-genituri taghha ghal aktar minn 40 sena. Ikkonfermat li adjacenti ghal fond mikri lilhom hemm il-garage fejn illum hemm l-appellant. Spjegat li d-dar taghhom ghandu gnien kbir u fil-parti ta' wara ta' dan il-gnien kien hemm bieb tal-injam b'firoll tal-hadid kif muri fi-r-ritratt li jaghti ghal-gol garage tal-appellant. Spjegat li dan kien dejjem jinzamm imsakkar tant li l-firoll kien imsaddad u meta l-appellant qabad u fetah il-bieb minghajr avviz jew awwtorizazzjoni il-firoll waqa' ma l-art.

Qalet li dan il-garage kien f'idejn nies ohra qabel ma gie f'idejn l-appellant u qatt ma kellha problemi maghhom. Qalet li darba minnhom waqt li l-appellant kien qed jghamel xi xoghol fil-garage tieghu semghet xi hsejjes u indunat li kien sgassa il-bieb li kien hemm bejn il-proprjeta' taghhom ghaliex rat il-gnien taghha minn barra.

Minnufih cemplu bennej biex imur jibni hajt bil-briks biex jipprotegu s-sigurta taghhom ghaliex gew ghall-apert. Qalet li l-bennej bena hajt fuq in-naha taghhom tal-gnien izda l-appellant qala xi briksa minn dan il-hajt ghaliex ried li jkollu l-arja minkejja li qabel ma kellux arja ghaliex il-bieb dejjem inzamm maghluq. Hija ordnat lil bennej jerga' jghalaq it-toqba li kien fetah u l-appellant rega fetah it- toqba u dan ghat-tieni darba.

Qalet li qabel meta kienu imorru fil-gnien li kien ta' sikwit, ma kienux jisimghu lil hadd, kellhom il-privacy kolllu izda bit-toqba fil-hajt l-appellant setgha jisma' kull ma jghidu l-appellanti.

Qalet li imbaghad il-bennej rega' ghalaq it-toqba. Ikkonfermat li qabel ma huma bnew dan il-hajt fuq in-naha taghhom tal-gnien l-appellant ma kellux arja fil-garage tieghu u l-bieb qatt ma infetah fi zmien l-40 sena li tiftakar hi minkejja li hija baqghet tghix fl-istess dar dan iz-zmien kollu.

**Jahad Alamari** l-appellant xehed minn jeddu quddiem l-ewwel Qorti pero' ix-xhieda teighu ma gietx dattilografata u ghalhek kellu rega' xtaq jiddeponi quddiem din il-Qorti. Spjega li kien ghamel kuntratt fejn kien akkwista il-garage adjacenti mal-proprjeta tal-kwerelanti skond il-kuntratt eebit fl-atti a fol 31, kuntratt redatt min Nutar John Bisazza datat l-1 ta Frar 1979. Jigi rilevat mill-Qorti pero' li f'dan il-kuntratt l-appellant ma jidhrix bhala parti. Spjega li verament pero' kien qed jokkupa dan il-garage u qal li kien hu li verament fetah il-bieb ghaliex jemmen li ghandu kul dritt jifthu. Dan il-garage huwa dak muri fir-ritratt esebit minnu a fol 28 ta l-atti. Huwa esebixxa ritratt iehor a fol 29 li jindika il-hajt li bnew il-kwerelanti minflok il-bieb tal-injam li kien hemm qabel. Esebixxa ukol ritratt iehor a fol 30 markat bhala dok JA 2 fejn jidher l-bieb tal- injam li jidher antik u li ghandu hafna zmien fuqu.

Ammetta li kien hu li fetah il-bieb ghaliex ried li jkollu l-arja fil-garage. Mistqosi jekk kellux arja qabel ighid li ma kellux. Jghid pero li la l-bieb jiftah il-gewwa u cioe ghal fuq il-prorpejta tieghu allura ifisser li kellu kull dritt li jiftah dan il-bieb. Qal li min naha tieghu kien hemm lukkett u kull ma ghamel kien li ghollilh. Jghid li hu ma

kienx jaf bil-lock li kien hemm fuq in -naha l-ohra tal-bieb ghal fuq il-gnien tal-kwerealnti. Stqarr ukoll li kien minnu li kien waqqaf il-bennej milli jkompli jibni ghaliex b'hekk hass li kien ser johodlu l-arja.

Mistoqsi jekk kellux xi servitu' fuq dan il-bieb jghid li ma jafx kull ma jaf hu li dak li ghandu jirrizulta mill-kuntratt. Qal li hu kien bi hsiebu jghamel xibka fit toqba biex ikollu l-arja. Hass li kellu kul dritt u kien qed jigi negat mid-dritt tieghu.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta tas-16 ta Ottubru, 2018 meta l-partijiet talbu lil Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat,

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal din il-kawza huma is-segwenti:-

1. Illi l-appellant xtara garage li jinsab adjacenti ghall-fond residenzjali tal-kwerelanti, liema fondi jinsabu fi Triq, in-Naxxar, B'kara.
2. Illi fuq wara ta' dan il-garage kien hemm bieb antik tal-injam li kien jaghti ghal-gol gnien tal-kwerelanti.
3. Illi pero' dan l-bieb kien dejjem jinzamm maghluq skond il-kwerelanti u mhux kontestat mill-appellant.
4. Illi fuq l-parti ta wara ta' dan il-bieb u cioe' fuq il-parti li kien hemm fil-proprjeta' tal-kwerelanti kien hemm serratura tal-hadid li tinsab esebita fl-atti u markata bhal dok AA5.
5. Illi f'xi zmien fix-xahar ta' Gunju 2012 l-appellant qabad u sgassa dan il-bieb u b'hekk seta' jottjeni access ghal-gol gnien tal-kwerelanti, pero' sab li l-kwerelanti kien hemm jibni hajt.
6. Illi peress li dan il-hajt ma kkienx ghadu mibni kollu kien hemm access liberu mill-fond tal-apppellant ghal fond tal-kwerelanti.
7. Illi l-kwerelant inkwieta stante li kien mikxuf u ghalhekk kellem bennej li bena hajt fuq il-prorpjeta' taghhom biex jghalaq dan l-access liberu li kien ser ikun hemm una volta li l-bieb gie sgassat u imnehhi.

8. L-appellant ma kienx kuntent b'dan il-hajt tant li qabad u ghamel fetha fih b'serrieq u cioe ikkreja toqba biex b'hekk ikollu l-ventilazzjoni.

9. Illi l-appellant ammetta li kien hu li ghamel dan ix-xoghol ghaliex insista jew ahjar emmen li kellu dritt li jkollu ventilazzjoni fil-garage tighu gej minn din il-fetha minkejja li qabel ma dahal f'dan il-garage arja minn din il-fetha ma kienx hemm.

10. Il-kwerelant insista mal-bennej sabeix jerga' jghalaq din it-toqba u l-appellant mar jghamel rapport l-Ghassa tal-pulizija fil-konfront tal-kwerelanti.

11. Il-pulilzija harget akkuzi fil-konfront tal-appellant odjern permezz tal-proceduri odjerni u fil-konfront tal-kwerelanti li jinsabu gia decizi mill-ewwel Qorti u dwarhom ma gie intavolat l-ebda appell.

Ikkunsidrat,

Rat illi l-ewwel Qorti kienet sabet lill-appellant hati tar-reat ta' ragion fattasi kif dispost fl-artikolu 85 tal-Ligijiet ta' Malta u dan billi huwa qabad u fetah toqba f'hajt li inbena mill-kwerelanti fuq il-proprjeta' taghhom meta ma pprovax li kellu xi servitu biex ikollu arja fil-garage tieghu.

Din l-offiza giet klassifikata mill-legislatur taht delitti kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u Amministrazzjonijiet ohra. Il-**Professur Sir Anthony Mamo** fin- **Notes on Criminal Law** fit-tieni volum tieghu qies dawn l-offizi bhala s-segwenti:

*'These crimes attack the State but indirectly, in as much as, without being actuated by motives hostile to the Government, they proceed from other causes, often of a private character and affect those social institutions on and by which the machinery of the Government rests and moves: those institutions, that is to say, which provide the means of guaranteeing to every member of the community the integrity of his rights and those benefits which derive from the state of civil society.'*

Fi kliem il-gurista **Carrara** "*La ragion fattasi e' il delitto di chiunque credendo di aver un diritto sopra cosa nell'altrui possesso, o sopra altro individuo lo esercita malgrado la*

*opposizione vera o presunta di questo, pel fine di sostituire la sua forza privata all'autorita pubblica, senza per altro eccedere in violazioni speciali di altri diritti."*

Bl-introduzzjoni ta' dan l-artikolu, l-ghan ahhari tal-legislatur kien li jipprotegi l-istatus quo kontra min jiehu l-ligi b'idejh, indipendentement minn jekk l-aggressur jew il-vittma jkollux dritt jew le. Huwa artikolu intiz biex jistabilixxi l-ordni pubbliku u biex ma jhallix lill-individwu privat jezercita setgha li fl-ahhar mill-ahhar tispetta lill-awtorita pubblika. (Enfasi ta din l-Onorabbli Qorti) Huwa ghalhekk li listess artikolu jinstab fil-parti tal-Kodici Kriminali relatata ma' delitti kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u Amministrazzjonijiet Pubblici ohra. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Micallef**[1], il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ikkummentat hekk fuq il-portata ta' dan l-artikolu:

*"Apparti li l-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili jitmexxew indipendentement minn xulxin (Artikolu 6, Kap. 9), ir-reat ipotizzat fl-imputazzjoni huwa dak ta' delitt kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, u aktar preċiżament id-delitt ta' l-użu kontra l-liġi mill-privat tas-setgħat ta' l-awtorita` pubblika. L-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali hu intiż mhux biex jipproteġi l-proprjeta`, mobbli jew immobbli, ta' dak li jkun - għal tali protezzjoni hemm l-azzjoni ċivili - iżda biex jipprevjeni l-użurpazzjoni mill-privat tas-setgħat ta' l-awtorita` pubblika. Isegwi għalhekk li, indipendentement mill-protezzjoni mogħtija permezz ta' l-azzjoni jew azzjonijiet ċivili, jekk jirriżulta bħala fatt li kien hemm l-użurpazzjoni ravviżata fl-imsemmi Artikolu 85, il- Qrati ta' Ġustizzja Kriminali għandhom jaġixxu tempestivament biex jirristabilixxu l-ordni pubblika permezz tas-sanzjoni penali.*

*Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali għandhom addirittura s-seta' li jiddeterminaw kwistjonijiet ċivili inċidentali għar-risoluzzjoni tal-vertenza penali."*

Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew magisterjalment migbura fid-definizzjoni analitika moghtija mill-Imhallef W. Harding fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza " **Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et**[2]. " bhala:

[1] Deciza 11 ta' Frar, 2013

[2] Deciza fl-14 ta' Ottubru 1944 u riportata f'Vol. XXXII.iv.768. Dawn l-elementi gew riportati f'sentenzi ohra fosthom ***Il-Pulizija vs Emanuel Muscat et***, deciza fit-30 ta' Settembru 1996 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

(1) att esterni li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor; Il-gurista Carrara li hafna drabi jigi citat bhala l-pedament awtorevoli ta' dawn l-erba' elementi ta' raġion fattasi jispjega dan l-element bhala "*un atto esterno che spogli altri di un bene che gode ...*" Ikompli jghid li "*Chi e' nell' attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia, non delinque; perchè la legge protegge lo status quo, il quale non può variarsi tranne per consenso degl' interessati, o per decreto dell'autorità giudiciale*."

(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;

(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorita' pubblika; jew,

fi kliem il-Crivellari, "*la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato*"[3]

(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi [4].

Gie ritenut illi :

"*Element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju . Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha.* "

Fuq kollox:

---

[3] Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749

[4] Ara, fost diversi sentenzi, Il-Pulizija vs. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru 1957, Vol. XLI.iv.1506; Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Farrugia, Appell Kriminali 17 ta' Frar 1995; Il-Puliziia vs. Carmelo Ciantar, 18 ta' Settembru 1996. Ara wkoll Falzon, G., Annotazioni alle Leggi Criminali (Malta), 1872, p. 123.

*"L-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp civili dwar l-actio spolii – huwa li tipprotegi l-istatus quo."*

L-element intenzjonali huwa importanti ferm ghaliex huwa dak li jikkwalifika dan ir-reat minn reati ohra. Fil-fatt hu ben risaput – u dan johrog anke mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina – li listess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' ragion fattasi jew ghal reati ohra (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dan irreat ta' ragion fattasi jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk din l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika[5].

Fil-fatt fis-sentenzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Eileen Said**[6] u **Il- Pulizija vs Vincent Cortis**[7], il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet telabora li *"element kostituttiv ta' dan ir-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor, per ezempju. Ghalhekk hemm bzonn li ssir indagini fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li kkommettiet dan ir-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu it-tgawdija taghha."*

Illi f'din il-kawza l-appellant qabad u fetah tieqa fil-hajt li bniet l-kwerelanti mhux darba izda darbtejn u dan bi sfida lejha u dan ghaleix jekk l-appellant kellu xi pretensjoni fir-rigward ta' dan il-hajt fis-sens li ried jiehu l-arja minnu messu agixxa "*ope magisterium*" billi jirrikorri fil-Qrati, wara li jkun interpella lill-kwerelanti. Minflok għażel li jieħu "*scoccatoia*" u di private braccio u minkejja d-dissens impliċitu tal-kwerelanti , aġixxa, għax kien jemmen li qed jaġixxi bi dritt, dritt li prima facie lanqas biss jidher li kellu.

---

[5] Ara f'dan is-sens is-sentenza ***Il-Pulizija vs Mario Lungaro***, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Novembru 1996

[6] Deciza fis-19 ta' Gunju 2003.

[7] Deciza fis-27 ta' Novembru 2008

Ghalhekk l-akkzua ta' raggion fattasi hija provata u din il-Qorti qieghda tichad l-appell tal-appellant u tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kemm fir-rigward ta htija kif ukoll fir-rigward ta piena.

Consuelo Scerri Herrera

Imhallef